



Dokument ta' sessjoni

B9-0430/2022 }
B9-0432/2022 }
B9-0433/2022 }
B9-0438/2022 }
B9-0446/2022 } RC1

5.10.2022

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI KONĠUNTA

imressqa skont l-Artikolu 132(2) u (4) tar-Regoli ta' Proċedura

li tissostitwixxi l-mozzjonijiet għal riżoluzzjoni li ġejjin:

B9-0430/2022 (Verts/ALE)

B9-0432/2022 (Renew)

B9-0433/2022 (S&D)

B9-0438/2022 (PPE)

B9-0446/2022 (ECR)

dwar l-eskalazzjoni min-naħa tar-Russja tal-gwerra ta' aggressjoni tagħha
kontra l-Ukrajna
(2022/2851(RSP))

**Michael Gahler, Andrius Kubilius, Rasa Juknevičienė, Željana Zovko,
David McAllister, Vangelis Meimarakis, Siegfried Mureşan, Paulo Rangel,
Jerzy Buzek, Traian Băsescu, Vladimír Bilčík, Vasile Blaga, Daniel Buda,
Daniel Caspary, Peter van Dalen, Gheorghe Falcă, Tomasz Frankowski,
Andrzej Halicki, Mircea-Gheorghe Hava, Sandra Kalniete, Arba
Kokalari, Ewa Kopacz, Andrey Kovatchev, David Lega, Aušra
Maldeikienė, Lukas Mandl, Marian-Jean Marinescu, Gabriel Mato,**

RC\1264551MT.docx

PE737.614v01-00 }
PE737.616v01-00 }
PE737.617v01-00 }
PE737.622v01-00 }
PE737.630v01-00 } RC1

Liudas Mažylis, Francisco José Millán Mon, Janina Ochojska, Radosław Sikorski, Michaela Šojdrová, Eugen Tomac, Inese Vaidere, Loránt Vincze, Isabel Wiseler-Lima, Alexander Alexandrov Yordanov, Milan Zver, Miriam Lexmann, Antonio López-Istúriz White, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska

f'isem il-Grupp PPE

Pedro Marques, Tonino Picula

f'isem il-Grupp S&D

Petras Auštrevičius, Dita Charanzová, Olivier Chastel, Bart Groothuis, Moritz Körner, Ilhan Kyuchyuk, Nathalie Loiseau, Karen Melchior, Dragoș Pîslaru, Michal Šimečka, Nicolae Ștefănuță, Ramona Strugariu, Frédérique Ries, Dragoș Tudorache, Hilde Vautmans

f'isem il-Grupp Renew

Sergey Lagodinsky

f'isem il-Grupp Verts/ALE

Raffaele Fitto, Anna Fotyga, Roberts Zīle, Witold Jan Waszczykowski, Jadwiga Wiśniewska, Dominik Tarczyński, Kosma Złotowski, Adam Bielan, Bogdan Rzońca, Elżbieta Rafalska, Ryszard Czarnecki, Jacek Saryusz-Wolski, Joachim Stanisław Brudziński, Tomasz Piotr Poręba, Valdemar Tomaševski, Charlie Weimers, Zbigniew Kuźmiuk, Carlo Fidanza, Patryk Jaki, Eugen Jurzyca, Beata Kempa, Elżbieta Kruk, Beata Mazurek

f'isem il-Grupp ECR

Fabio Massimo Castaldo

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar l-eskalazzjoni min-naħa tar-Russja tal-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna (2022/2851(RSP))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar l-Ukrajna u r-Russja,
 - wara li kkunsidra l-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti,
 - wara li kkunsidra l-Att Finali ta' Helsinki tal-1975,
 - wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet tal-membri tal-Kunsill Ewropew u tal-Ministri għall-Affarijiet Barranin tal-G7 tat-30 ta' Settembru 2022 dwar l-Ukrajna,
 - wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tar-Rappreżentant Għoli f'isem l-Unjoni Ewropea tat-28 ta' Settembru 2022 dwar ir-"referenda" fażulli illegali mir-Russja fir-reġjuni ta' Donetsk, Kherson, Luhansk u Zaporizhzhia,
 - wara li kkunsidra l-istqarrija għall-istampa tal-President tal-Kummissjoni, Ursula von der Leyen, tat-28 ta' Settembru 2022, dwar pakkett ġdid ta' miżuri restrittivi kontra r-Russja u l-messaġġ tal-President tal-Kunsill Ewropew, Charles Michel, tat-30 ta' Settembru 2022, dwar l-annessjoni illegali tar-reġjuni Ukreni min-naħa tar-Russja,
 - wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet tar-Rappreżentant Għoli f'isem l-Unjoni Ewropea tat-22 ta' Settembru 2022 dwar il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u tat-28 ta' Settembru 2022 dwar il-ħruġ ta' gass mill-pipelines ta' Nord Stream,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 132(2) u (4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi, f'konformità mal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti u mal-prinċipji tad-dritt internazzjonali, l-Istati kollha jgawdu minn sovranità ugwali u fir-relazzjonijiet internazzjonali tagħhom jeħtiġilhom jastjenu milli jirrikorru għat-theddid jew għall-użu tal-forza kontra l-integrità territorjali jew l-indipendenza politika ta' kwalunkwe Stat; billi kwalunkwe annessjoni ta' territorju ta' Stat min-naħa ta' Stat ieħor li tkun riżultat tat-theddid jew tal-użu tal-forza tikkostitwixxi ksur tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti u tal-prinċipji tad-dritt internazzjonali; billi dan il-prinċipju ġie affermat mill-ġdid dan l-aħħar mis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti António Guterres;
- B. billi l-Federazzjoni Russa, bħala membru permanenti tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti, għandha r-responsabbiltà politika speċjali biex iżżomm il-paċi u s-sigurtà fid-dinja, iżda qiegħda tikser b'mod persistenti l-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti permezz tal-azzjonijiet ta' aggressjoni tagħha fil-konfront tas-sovranità, tal-indipendenza u tal-integrità territorjali tal-Ukrajna, u qiegħda tisfida sfaċċatament lill-komunità internazzjonali meta ħabbret l-atti illegali tagħha, bi ksur tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, waqt li tkun għaddejja s-sessjoni tal-Assemblea Ġenerali

tan-Nazzjonijiet Uniti;

- C. billi l-Federazzjoni Russa kompliet matul dawn l-aħħar xhur il-gwerra ta' aggressjoni illegali, mhux ipprovokata u inġustifikata tagħha kontra l-Ukrajna; billi kontroffensiva ta' suċċess min-naħa tal-Ukrajna li bdiet fil-bidu ta' Settembru 2022 wasslet biex ir-Russja tilfet parti sinifikanti mit-territorji li kienet okkupat fir-reġjun ta' Kharkiv fl-Ukrajna u f'reġjuni oħra fl-Ukrajna tal-Lvant u tan-Nofsinhar; billi din il-liberazzjoni wasslet għall-iskoperta ta' provi ġodda tal-ksur gravi tad-drittijiet tal-bniedem u tad-delitti tal-gwerra kommessi mill-forzi Russi u mill-proxies tagħhom, bħal oqbra tal-massa b'aktar minn 440 katavru f'Izyum;
- D. billi eluf ta' ċivili diġà nqatlu u ħafna aktar kienu vittmi ta' torturi, vessazzjonijiet, attakki sesswali, serq jew spostamenti furzati; billi din l-imġiba diżumana mill-forzi Russi u mill-proxies tagħhom turi diżrispett totali lejn id-dritt umanitarju internazzjonali;
- E. billi l-forzi Russi sofrew telf ta' għexieren ta' eluf ta' membri tal-persunal, li nqatlu l-azzjoni jew għebu minn mindu bdiet l-invażjoni, u l-qerda tal-materjal militari tagħhom;
- F. billi l-komunità internazzjonali tkompli ssostni lill-Ukrajna b'taġmir modern, b'munizzjon, b'taħriġ u bil-kondiviżjoni tal-intelligence, u l-aktar eżempju reċenti huwa l-approvazzjoni min-naħa tal-Kungress tal-Istati Uniti ta' abbozz ta' liġi skont liema huma previsti aktar minn USD 12,3-il biljun f'assistenza;
- G. billi skont l-uffiċjali Ukreni, l-armata Ukren teħtieġ karrijiet armati ewlenin moderni, aktar sistemi mill-wiċċ għall-ajru u mill-wiċċ għall-wiċċ, vetturi korazzati għat-trasport tat-truppi kif ukoll aktar ċentri ta' taħriġ u kontributi ulterjuri fil-forma ta' munizzjon;
- H. billi mid-9 sal-11 ta' Settembru 2022 saru elezzjonijiet reġjonali u lokali fir-Russja kif ukoll fir-Repubblika Awtonoma tal-Krimea u fil-belt ta' Sevastopol' tal-Ukrajna annessi illegalment, u billi l-UE ma tirrikonoxxix dawn l-elezzjonijiet;
- I. billi r-"referenda" fażulli organizzati ta' malajr saru bejn it-23 u s-27 ta' Settembru 2022 fiż-żoni tal-Ukrajna parzjalment okkupati mir-Russja, fl-oblast' ta' Donetsk, Kherson, Luhansk u Zaporizhzhia u fost l-Ukreni ddeportati bil-forza, u l-awtoritajiet Russi ħabbru perċentwali prestabbiliti u irrealistikament għoljin ta' parteċipazzjoni tal-votanti li marru jivvutaw u ta' voti favur l-annessjoni min-naħa tar-Russja; billi matul il-proċess tal-votazzjoni saru abbużi sistemiċi tad-drittijiet tal-bniedem u intimidazzjonijiet, b'mod partikolari l-preżenza ta' suldati Russi armati; billi r-referenda fażulli kienu bħar-referendum organizzat mir-Russja fil-Krimea wara li okkupat il-peniżola fil-bidu tal-2014; billi fit-30 ta' Settembru 2022 ir-Russja ħabbret l-annessjoni illegali formali ta' dawk it-territorji, segwita mill-approvazzjoni unanima mid-Duma tal-Istat u mill-Kunsill tal-Federazzjoni;
- J. billi fil-21 ta' Settembru 2022, Vladimir Putin ħabbar l-ewwel mobilizzazzjoni tar-Russja mit-Tieni Gwerra Dinjija 'l hawn; billi, skont ir-rapporti tal-mezzi ta' informazzjoni, il-mobilizzazzjoni tinvolvi bejn 300 000 riżervista militari u 1,2 miljun li qegħdin jissejħu għall-forzi armati; billi, bil-maqlub ta' dak li tħabbar uffiċjalment,

jiġifieri li l-awtoritajiet kienu se jsejħu għal-lieva ċ-ċittadini li servew dan l-aħħar fl-armata u kellhom esperjenza ta' għied, ir-rapporti jindikaw li ċerti persuni kienu se jinqabdu bil-lieva mingħajr ma kellhom l-ebda esperjenza militari, b'mod partikolari mir-reġjuni f'qar u mbiegħda u minn fost il-minoranzi etniċi, u li l-persuni kienu qegħdin jinqabdu bil-lieva bħala miżura repressiva, bħal fil-Krimea okkupata, fejn issejħu aktar minn 1 500 Tataru tal-Krimea; billi jeżistu wkoll rapporti ta' mobilizzazzjoni furzata fl-oblast' Ukreni annessi illegalment dan l-aħħar; billi jeżistu rapporti ta' rekluti ġodda li ntbagħtu fil-front kważi immedjatament;

- K. billi t-tħabbira tal-mobilizzazzjoni tar-Russja tat lok għal protesti, u l-awtoritajiet Russi s'issa arrestaw aktar minn 2 400 dimostrant; billi, wara t-tħabbir tal-mobilizzazzjoni, diversi mijiet ta' eluf ta' Russi ħarbu mir-Russja biex jevitaw il-lieva; billi l-awtoritajiet Russi waqqfu ċentri tal-lieva f'diversi punti ta' qsim tal-fruntiera sabiex iqassmu l-avviżi ta' lieva fuq il-post u jiskoraġġixxu liċ-ċittadini milli jitolqu mill-pajjiż;
- L. billi l-forzi Russi għadhom qed jokkupaw l-Impjant tal-Enerġija Nukleari ta' Zaporizhzhia; billi Ihor Murashov, id-Direttur Ġenerali tal-Impjant tal-Enerġija Nukleari ta' Zaporizhzhia, insteraq mill-forzi Russi fit-30 ta' Settembru u mbagħad inħeles; billi l-Impjant tal-Enerġija Nukleari ta' Zaporizhzhia huwa l-akbar impjant nukleari fl-Ewropa u l-aħħar reattur tiegħu ntefa fil-bidu ta' Settembru minħabba l-għied fl-impjant u fil-viċinanzi tiegħu; billi r-riskju ta' katastrofi nukleari madankollu għadu preżenti;
- M. billi f'diskors li xxandar fuq it-televiżjoni fil-21 ta' Settembru, Vladimir Putin wissa li jekk l-integrità territorjali tar-Russja tiġi mhedda, jiġifieri t-territorji tal-Ukrajna annessi illegalment, ċertament se nużaw "il-mezzi kollha għad-dispożizzjoni tagħna biex niproteġu r-Russja u l-poplu tagħna"; billi l-kliem "il-mezzi kollha għad-dispożizzjoni tagħna" huwa rikatt nukleari mhux daqstant moħbi;
- N. billi fis-26 u fis-27 ta' Settembru ġie osservat tnaqqis drastiku fil-pessjoni fil-pipelines Nord Stream 1 u 2 minħabba t-tnixxija li hemm suspetti li huma r-riżultat ta' splużjonijiet deliberati taħt il-baħar x'aktarx orkestrati minn attur statali; billi għalkemm il-volum eżatt ta' metan ħiereġ fl-atmosfera huwa diffiċli li jitkejjel, il-kwantità x'aktarx hija konsiderevoli u se tħalli impatt negattiv fuq l-ambjent;
- O. billi fit-30 ta' Settembru l-President Volodymyr Zelenskyy ħabbar li l-Ukrajna kienet applikat ufficialment għall-adeżjoni mal-Organizzazzjoni tat-Trattat tal-Atlantiku tat-Tramuntana (NATO);
- 1. Ifakkar fl-appoġġ sod tal-Unjoni Ewropea għall-Ukrajna, u għas-sovranià, għall-indipendenza u għall-integrità territorjali tagħha fi ħdan il-fruntieri rikonoxxuti fuq livell internazzjonali; jikkundanna bl-aktar mod qawwi possibbli l-gwerra ta' aggressjoni inġustifikata u mhux ipprovokata tar-Russja kontra l-Ukrajna; ifakkar li l-Russja terfa' r-responsabbiltà totali tal-gwerra u li jeħtiġilha twaqqaf minnufih il-gwerra u tirtira l-forzi kollha tagħha, inklużi dawk proxy, mit-territorji rikonoxxuti fuq livell internazzjonali li jagħmlu parti mill-Ukrajna;
- 2. Ifaħħar il-kuraġġ kbir tal-poplu Ukren, li qed jagħmel saġrifici enormi biex jiddefendi

lil pajjiż u lill-valuri Ewropej bħal-libertà, id-dinjità u d-demokrazija; ifakkar id-dritt leġittimu tal-Ukrajna, konformement mal-Artikolu 51 tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, li tiddefendi lilha nnifisha mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja biex terġa' tieġu f'idejha l-kontroll sħiħ tat-territorju kollu tagħha fi ħdan il-fruntieri tagħha rikonoxxuti fuq livell internazzjonali; ifaħħar il-kuraġġ tal-forzi armati Ukreni u l-azzjonijiet effikaċi ħafna tagħhom kemm fil-kamp tal-battalja kif ukoll minn perspettiva morali, u jirrikonoxxi l-kontribut importanti li qegħdin jagħtu lis-sigurtà Ewropea;

3. Jistieden lill-pajjiżi u lill-organizzazzjonijiet internazzjonali kollha jikkundannaw b'mod inekwivoku l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja u t-tentattivi tagħha li tikseb territorju bil-forza u permezz tar-referenda fażulli; jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jiddjalogaw b'mod attiv mal-ħafna gvernijiet li adottaw pożizzjoni newtrali rigward l-aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna sabiex tinbena oppożizzjoni internazzjonali b'saħħitha għal kwalunkwe bidla fil-fruntieri tal-Ukrajna bil-forza u bħala difiża tad-dritt internazzjonali;
4. Jikkundanna bil-qawwa l-ksur massiv u gravi tad-drittijiet tal-bniedem u tad-delitti tal-gwerra kommessi mill-forzi armati Russi, mill-forzi proxy tagħhom u mill-awtoritajiet ta' okkupazzjoni insedjati mir-Russja fl-Ukrajna; jinsisti li l-uffiċjali governattivi u l-mexxejja militari responsabbli u l-awturi tad-delitti tal-gwerra u tad-delitti kontra l-umanità, inkluż il-ġenoċidju, jeħtiġilhom jagħtu kont ta' għemilhom;
5. Jistieden lill-Istati Membri u lill-pajjiżi l-oħra li jappoġġaw lill-Ukrajna jżidu notevolment l-assistenza militari tagħhom, b'mod partikolari fl-oqsma li fihom hija rikjesta mill-Gvern Ukren, bil-għan li l-Ukrajna tkun tista' terġa' tieġu f'idejha l-kontroll sħiħ tat-territorju kollu tagħha rikonoxxut fuq livell internazzjonali u tiddefendi lilha nnifihha b'suċċess minn kwalunkwe aggressjoni ulterjuri min-naħa tar-Russja; jagħmel appell biex tiġi kkunsidrata l-possibiltà ta' mekkaniżmu ta' assistenza militari tat-tip "lend-lease" (kiri u self) għall-Ukrajna; jistieden lill-Istati Membri titubanti jagħtu s-sehem ġust tagħhom ta' assistenza militari meħtieġa biex jgħinu jqassru l-gwerra; ifakkar li t-titubanza fost dawk li jappoġġaw l-Ukrajna xejn ma tagħmel ħlief ittawwal il-gwerra u żżid il-prezz f'termini ta' ħajjiet ta' ċittadini Ukreni innoċenti; jagħmel appell lill-mexxejja tal-UE biex jibnu għaqda dejjiema fost l-Istati Membri u l-pajjiżi tal-istess fehma ħalli jappoġġaw b'mod sħiħ u bla kundizzjonijiet l-Ukrajna kontra l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja;
6. Jistieden lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà jikkoordina l-forniment tal-armi permezz ta' mekkaniżmu ta' koordinament tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE), inkluża inizjattiva tal-UE għall-forniment ta' sistemi ta' armamenti avanzati bħall-karrijiet armati Leopard; jistieden lill-Istati Membri jibdew minnufih iħarrġu f'dan ir-rigward lis-suldati Ukreni;
7. Jikkundanna b'mod inekwivoku bħala illegali u illeġittimi r-referenda fażulli organizzati taħt it-theddida tal-armi biex jiġu annessi l-oblast' ta' Donetsk, Kherson, Luhansk u Zaporizhzhia; ifakkar li r-referenda ġew organizzati bi ksur tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti u tad-dritt internazzjonali; jirrespingi u ma jirrikonoxxi ir-riżultati ffalsifikati tar-

referenda u l-inkorporazzjoni sussegwenti ta' dawn it-territorji fir-Russja; iqis ir-riżultati tagħhom nulli u bla effett; iqis li l-annessjoni mħabbra tikkostitwixxi eskalazzjoni perikoluża u irresponsabbli kif ukoll ksur evidenti tad-dritt internazzjonali u tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti li jggarantixxu l-paċi, is-sigurtà, l-integrità territorjali u s-sovranità tal-Istati kollha f'livell internazzjonali, u li dan l-att ma jistax u mhuwiex se jibqa' mingħajr risposta min-naħa tal-komunità internazzjonali;

8. Jiddenunzja d-digriet presidenzjali Russu tad-29 ta' Settembru 2022 dwar ir-rikonossiment tal-"indipendenza" tal-oblast' Ukreni ta' Kherson u Zaporizhzhia, kif ukoll it-trattati illegali dwar l-integrazzjoni fil-Federazzjoni Russa ffirmati fit-30 ta' Settembru 2022; jiddikjara l-appoġġ sod tiegħu għall-politika tal-UE ta' nonrikonossiment dwar l-azzjonijiet illegali tar-Russja kontra l-Ukrajna, inkluża l-annessjoni, u għalhekk jistieden lill-Kunsill jadotta aktar sanzjonijiet severi b'reazzjoni għal dawn l-atti;
9. Jilqa' l-proposti tal-Kummissjoni għat-tmien pakkett ta' sanzjonijiet kontra r-Russja; jistieden lill-Istati Membri kollha japprovaw ta' malajr il-pakkett ta' sanzjonijiet, jevitaw kwalunkwe dewmien li jkun ta' interess għalihom infushom, u jimplementaw is-sanzjonijiet bir-reqqa; jitlob li s-sanzjonijiet jiġu estiżi għal oqsma ġodda, inkluż il-qtugħ ta' Gazprombank, Alfa Bank, Rosbank, Tinkoff Bank, Saint Petersburg Bank, il-Bank Russu għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Bank tal-Lvant Imbiegħed mis-SWIFT, filwaqt li jkomplu jissaħħu wkoll is-sanzjonijiet kontra l-kriptoassi u l-kriptoaluti; jistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE u lill-Istati Membri jżommu l-għaqda tal-UE u jżidu l-persjoni fuq il-Kremlin, inkluż permezz ta' aktar pakketti ta' sanzjonijiet, inkluża l-projbizzjoni fuq l-esportazzjoni ta' kwalunkwe prodott ta' teknoloġija avvanzata u oġġetti strateġiċi u sanzjonijiet oħra mmirati biex idgħajfu b'mod strateġiku l-ekonomija u l-bażi industrijali Russi, b'mod partikolari l-kumpless militari-industrijali; jappoġġa l-adozzjoni ta' sanzjonijiet individwali kontra persuni u entitajiet involuti direttament fid-deportazzjoni furzata u fl-adozzjoni ta' tfal Ukreni u fl-organizzazzjoni u l-osservazzjoni tar-referenda fażulli illegali, kif ukoll il-membri kollha tal-partiti tad-Duma li jokkupaw karigi f'parlamenti eletti fil-livelli kollha, inkluż fil-livelli reġjonali u muniċipali; jistieden lill-Istati Membri jimpedixxu, jinvestigaw u jħarrku b'mod attiv kwalunkwe ċirkonvenzjoni tas-sanzjonijiet; jistieden lill-Kummissjoni u lill-koleġiżlaturi jaħdmu malajr biex ilestu r-reġim ġuridiku għall-konfiska tal-assi ffriżati mis-sanzjonijiet;
10. Itenni t-talba tiegħu għal embargo immedjat u sħiħ fuq l-importazzjonijiet Russi ta' fjuwils fossili u uranju, u li l-pipelines Nord Stream 1 u 2 jiġu abbandunati kompletament, sabiex jitwaqqaf il-finanzjament tal-magna tal-gwerra ta' Putin bil-flus tal-UE; jitlob projbizzjoni ulterjuri fuq ix-xiri, l-importazzjoni u t-trasport tat-titanju, l-aluminju, ir-ram, in-nikel, il-palladju, ir-rodju u d-djamanti mir-Russja jew li jgħaddu mir-Russja lejn l-UE, u fuq l-importazzjonijiet ta' prodotti tal-ħadid u tal-azzar li joriġinaw mir-Russja jew li huma esportati mir-Russja, inklużi minerali tal-ħadid u prodotti nofshom lesti, bl-għan li jitnaqqas id-dħul tar-Russja; jitlob li l-aċċess tar-Russja għal riżorsi, teknoloġiji u servizzi industrijali bażiċi jiġi minimizzat, speċjalment dawk meħtieġa mill-industrija militari tal-istat aggressur;
11. Iwissi lir-reġim ta' Aliaksandr Lukashenka biex ma jgħinx lir-Russja fil-gwerra ta'

aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna, inkluż l-isforzi ta' mobilizzazzjoni tagħha u biex ma jospitax lill-koskritti fit-territorju tiegħu; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jinkludu lill-Belarussja fil-mewġa l-ġdida ta' sanzjonijiet marbuta mal-mobilizzazzjoni;

12. Jikkundanna l-mobilizzazzjoni fir-Russja, u jitlob it-tmiem immedjat tal-lieva involontarja; jikkundanna l-miżuri li jġiegħlu lir-residenti tat-territorji okkupati temporanjament tal-Ukrajna jservu fil-forzi armati jew awżiljarji tar-Russja, li huwa pprojbit skont ir-Raba' Konvenzjoni ta' Ġinevra; jagħmel appelli qawwijin lill-poplu Russu kollu biex jirrifjuta li jitkaxkar f'din il-gwerra, li tikser id-dritt internazzjonali u għalhekk ġiet ikkundannata minn maġġoranza kbira ta' pajjiżi, inbdiet biss biex tasserixxi reġim kleptokratiku antidemokratiku fir-Russja u, fl-aħħar mill-aħħar, se teqred lill-ekonomija Russa u lill-prospettivi tal-poplu Russu għal futur sikur u prosperu; iħeġġeġ lill-Istati Membri joħorġu viżi umanitarji liċ-ċittadini Russi li jtehtiegu protezzjoni, bħal dawk soġġetti għal persekuzzjoni politika;
13. Jistieden lill-Istati Membri jimplimentaw b'mod sħiħ il-linji gwida tal-Kummissjoni dwar il-ħruġ ġenerali ta' viżi fir-rigward tal-applikanti Russi u l-kontrolli taċ-ċittadini Russi fil-fruntieri esterni, f'konformità sħiħa mad-dritt tal-UE u internazzjonali, u jiżguraw li kull applikazzjoni għall-ażil minn, fost l-oħrajn, dissidenti, diżerturi, dawk li jaħarbu il-lieva u attivisti, tiġi ttrattata fuq bażi individwali, filwaqt li jitqies it-tħassib dwar is-sigurtà tal-Istat Membru ospitanti u jaġixxu skont l-acquis tal-UE relatat mal-ażil; jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni jimmonitorjaw mill-qrib is-sitwazzjoni rigward il-viżi Russi;
14. Jistieden lill-Kummissjoni, lis-SEAE u lill-Istati Membri jżidu l-appoġġ għall-pajjiżi fil-Kawkasu tan-Nofsinhar u fl-Asja Ċentrali, li qed jirċievu għadd sostanzjali ta' migranti, b'mod partikolari l-Georgia, il-Kazakistan, l-Uzbekistan, l-Armenja u l-Kirgistan, sabiex tinżamm l-istabbiltà f'dawn ir-reġjuni;
15. Jitlob l-irtirar immedjat tal-persunal militari Russu mill-Impjant tal-Enerġija Nukleari ta' Zaporizhzhia u l-madwar u l-ħolqien ta' żona demilitarizzata madwar dan l-Impjant; ifakkar li l-ġlied fil-viċinanzi tal-Impjant jista' jwassal għal diżastru enormi b'konsegwenzi inimmaġinabbli;
16. Jikkundanna t-theddid nukleari Russu ta' dan l-aħħar li jintużaw armi nukleari bħala irresponsabbli u perikoluż; jistieden lill-Istati Membri u lis-sħab internazzjonali jħejju rispons rapidu u deċiżiv f'każ li r-Russja twettaq attakk nukleari fuq l-Ukrajna; jistieden lir-Russja twaqqaf minnufih it-theddid tagħha ta' eskalazzjoni nukleari, minħabba l-konsegwenzi globali ta' kwalunkwe katastrofi nukleari għall-ħajja tal-bniedem u l-ambjent għad-deċennji li ġejjin; ifakkar li kwalunkwe tentattiv mir-Russja biex tippreżenta attakki fuq territorji okkupati bħala attakk fuq ir-Russja u għalhekk bħala bażi għal attakk nukleari huwa illegali u bla bażi u mhux se jiskoraġġixxi lill-Unjoni Ewropea milli tagħti aktar assistenza lill-Ukrajna fl-awtodifiża tagħha;
17. Jistieden lill-Kummissjoni, lis-SEAE u lill-Istati Membri jżidu l-appoġġ għas-soċjetà ċivili u għall-media ħielsa fl-Ukrajna u fir-Russja u l-kooperazzjoni magħhom, ikomplu jipprovdu kenn temporanju fl-UE għal dawk li qed jaħarbu mill-gwerra, u jgħinu fil-ħruġ ta' dokumenti tal-ivvjaġġar temporanji li jippermettu liċ-ċittadini Ukreni maqbuda

fir-Russja mingħajr id-dokumenti tal-identità u tal-ivvjaġġar tagħhom jitolqu mill-pajjiż jekk jixtiequ; jikkundanna t-tentattivi sistematiċi min-naħa Russa biex tnaqqas ir-ritmu tad-dħul tar-rifuġjati Ukreni fl-UE fil-fruntieri Estonjani u Latvjani, li dalwaqt jistgħu jwasslu għal kriżi umanitarja kbira; jistieden lill-Istati Membri u l-kontroll fil-fruntieri tagħhom biex ma jxekklux lil dawn ir-rifuġjati milli jidħlu fl-UE;

18. Jistieden lill-Kummissjoni taħdem fuq pakkett komprensiv ta' rkupru għall-Ukrajna li għandu jkun ċċentrat fuq l-assistenza, ir-rikostruzzjoni u l-irkupru tal-pajjiż immedjati, fit-terminu medju u twil, u tgħin ulterjorment biex issaħħaħ it-tkabbir tal-ekonomija, filwaqt li tibda minnufih fejn xieraq; ifakkar li l-pakkett ta' rkupru għandu jitmexxa b'mod konġunt mill-UE, mill-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali u mis-sħab tal-istess fehma; jitlob li l-pakkett ta' rkupru jiġi sostnut mill-kapaċità baġitarja neċessarja tal-UE;
19. Jesprimi apprezzament għaċ-ċittadini Russi li jikkundannaw il-gwerra; jikkundanna l-arrest min-naħa tal-awtoritajiet Russi ta' eluf ta' dimostranti paċifiċi u jappella għall-ħelsien immedjat tagħhom;
20. Jistieden lill-Kummissjoni, lis-SEAE u lill-Istati Membri jibdeu jirriflettu dwar kif jinvolvu ruħhom mar-Russja fil-futur u kif jgħinuha fi tranżizzjoni b'suċċess minn reġim awtoritarju għal pajjiż demokratiku li jirrinunzja għall-politiki reviżjonisti u imperjalisti; iqis li l-ewwel pass ikun li l-istituzzjonijiet tal-UE jinvolvu ruħhom mal-mexxejja demokratiċi Russi u mas-soċjetà ċivili u jimmobilizzaw l-appoġġ għall-aġenda tagħhom għal Russja demokratika; jappoġġa l-ħolqien ta' ċentru tad-demokrazija għar-Russja, ospitat mill-Parlament Ewropew;
21. Ifakkar li l-isplużjonijiet ta' taħt il-baħar tal-pipelines Nord Stream seħħew fil-perjodu li fih ġie inawgurat il-Baltic Pipe l-ġdid li jgħaqqad in-Norveġja mal-Polonja permezz tad-Danimarka; jemmen li l-isplużjonijiet ta' taħt il-baħar tal-pipelines Nord Stream mhumiex kumbinazzjoni u li qiegħda tiżdied l-ispekulazzjoni li kienu r-riżultat ta' att koordinat u intenzjonat minn attur statali; jemmen li l-isplużjonijiet tal-pipelines Nord Stream juru kemm kienet perikoluża l-politika ta' dipendenza dejjem akbar mill-fjuwils fossili Russi u li l-użu tal-enerġija bħala arma laħaq livell ġdid; jistieden lill-Istati Membri jżidu u jittrattaw bħala prijorità l-protezzjoni tal-infrastruttura kritika Ewropea, inklużi pipelines u kejbils offshore, u jżidu r-reżiljenza tagħha kontra attakki esterni u jappoġġaw aktar ir-reżiljenza tas-sħab tal-UE fl-Ewropa tal-Lvant u fil-Balkani tal-Punent; jistieden lill-Istati Membri jwettqu investigazzjoni dwar is-sabotaġġ tal-pipelines tal-gass Nord Stream; iqis li l-isplużjonijiet intenzjonati taħt l-ilma jikkostitwixxu attakk ambjentali fuq l-UE;
22. Jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jaħdmu ma' korpi internazzjonali biex jiġbru evidenza u jappoġġaw l-investigazzjoni tal-Qorti Kriminali Internazzjonali dwar id-delitti tal-gwerra mwettqa fit-territorju tal-Ukrajna mill-20 ta' Frar 2014 'il quddiem;
23. Jitlob li jiġi stabbilit tribunal internazzjonali *ad hoc* għad-delitt ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna, li fih issir il-prosekuzzjoni ta' Putin u tal-uffiċjali ċivili u militari kollha Russi u l-proxies tagħhom responsabbli mill-orkestrazzjoni, mill-bidu u mill-iżvolġiment tal-gwerra fl-Ukrajna;

24. Jikkundanna l-istrateġija b'diversi livelli tar-Russja li tintroduċi, tamplifika u xxerred narrattivi foloz u mgħawġa madwar id-dinja; jitlob li l-UE u l-Istati Membri tagħha jissanzjonaw lill-entitajiet Russi, lill-individwi u lil proxies oħra li jxerdu d-diżinformazzjoni Russa u jieħdu miżuri addizzjonali biex jindirizzaw l-użu tal-informazzjoni mir-Russja bħala arma;
25. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri, lill-Kunsill tal-Ewropa, lill-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa, lill-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għad-Drittijiet tal-Bniedem, lill-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rifuġjati, lill-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Migrazzjoni, lill-Kumitat Internazzjonali tas-Salib l-Aħmar, lill-Qorti Kriminali Internazzjonali, lill-President, lill-Gvern u lill-Parlament tal-Ukrajna, lill-President, lill-Gvern u lill-Parlament tal-Federazzjoni Russa, u lill-awtoritajiet Belarussi.